**133. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## TRASFERIMENT B'TITOLU TA' ĊESSJONI TA' ST JULIANS'S COURT, SAN ĠILJAN, LIL HOLIDAY SERVICES COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jittrasferixxi b'titolu ta' ċessjoni ż-żmien li fadal tas-Subutili Dominju temporanju lil Holiday Services Company Limited, il-korp ta' bini f'San Ġiljan, magħruf bħala St. Julian's Court, deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, bil-korispettiv u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-Sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-imsemmi Subutili Dominju temporanju tal-korp ta' bini f'San Ġiljan, magħruf bħala St Julian's Court, jista' jiġi trasferit lill-imsemmija kumpanija, Holiday Services Company Limited, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.06.1978